**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 24 TA' SETTEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 752/00 AJD*

Maria Edwina Spiteri u Mario Spiteri

vs

Maria Antonia Gerada u u b'digriet tal-25 ta' Settembru, 2000, gie kjamat in kawza Joseph Gerada u b'digriet tal-21 ta' Novembru, 2000, gew kjamati in kawza Anton Gerada, Louise Farrugia u Pierre Gerada

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Mejju, 2000, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' mija u ghoxrin liri Maltin (Lm120.00), rappresentanti sehem dovut mill-konvenuta ghall-ispejjez inkorsi sabiex sar xoghol ta' stallazzjoni ta' katusi godda li sar fil-blokk ta' appartamenti numru 254, Triq il-Vitorja, l-Isla, u li huma komuni ghall-kontendenti.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:-

1. Preliminarjament Maria Antonia Gerada mhiex wahedha l-legittima kontradittur billi mhiex wahedha propjetarja tal-appartament fi Triq Vitorja, l-Isla.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, it-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenuta mhiex responsabbli ghal spejjes inkorsi minghajr

il-kunsens taghha.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tal-25 ta' Settembru, 2000, fejn giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Joseph Gerada.

Sema' x-xhieda ta' John sapiano u tal-attrici.  H akonjizzjoni tal-affidavits ta' Frances Greech u ta' Emanuel Cutajar kif ukoll tad-dokumenti kollha esibiti.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza Joseph Gerada fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet fil-konfront ta' Joseph Gerada huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi Joseph Gerada mhux wahdu l-legittimu kontradittur billi mhux wahdu propjetarju tal-appartament fi Triq Victoria, Isla.

3. Illi minghajr pregudizzju l-kjamat fil-kawza mhux responsabbli ghal spejjes inkorsi minghajr il-kunsens tieghu.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tal-21 ta' Novembru, 2000, fejn giet ordnata l-kjamata in kawza ta' Anton Gerada, Louise Farrugia u Pierre Gerada.

Ra n-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri prezentata mill-konvenuta u mill-kjamati in kawza fejn huma eccepew il-preskrizjoni tat-talbiet attrici ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi lk-konvenuta u l-kjamati in kawza eccepew il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 liema Artikolu jipprovdoi li: *"l-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq sentejn".*

Illi l-atturi qed jitolbu l-ammont ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120.00) bhala sehem il-konvenuta u l-kjamati in kawza ghall-istallazzjoni ta' katusi godda li sar fil-blokk ta' appartamenti numru 25A, Triq il-Vitorja, l-Isla.

Illi mill-Avviz tat-Talba ma jirrizultax meta saru x-xogholijiet izda l-atturi fix-xhieda taghhom tat-12 ta' Gunju, 2001, jghidu li dawn saru madwar hames snin ilu

filwaqt li x-xhud prodott mill-atturi, John Sapiano, stqarr li huwa mar jispezzjona l-fond tal-atturi wara li saret talba minnha stess f'dan ir-rigward u dan kien xi hames snin u nofs ilu izda meta mar fuq il-post sab li l-attrici kienet diga' wettqet ix-xogholijiet ta' riparazzjoni.

Illi jirrizulta ghalhekk li x-xogholijiet gew imwettqa aktar minn hames snin ilu.

Illi l-atturi jsostnu li t-talba taghhom m'hijiex talba ghall-hlas ta' danni izda talba sabiex il-konenuta thallas sehemha mill-ispejjes li saru f'propjeta' komuni tal-kontendenti.

Illi l-konvenuta u l-kjamati in kawza min-naha l-ohra jsostnu li l-atturi qed jitolbu l-hlas ta' danni u f'dan ir-rigward jaghmlu riferenza ghall-ittra tal-avukat difensur tal-attrici datata 29 ta' Frar, 2000 (Dok. A esibita man-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta) fejn il-konvenuta ntalbet tersaq "ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni kawzati bhala konsegwenza tal-ilma li qieghed jipperkola mill-kamra tal-banju….."

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-atturi effettivament qed jitolbu l-hlas ta' danni u dan jirrizulta ampjament mill-korrispondenza skambjata mill-partijiet qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna u cioe' mill-ittra tad-29 ta' Frar 2000, hawn fuq citata u mill-ittra tal-10 ta' April, 2000 (Dok. B annessa man-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta u l-kjamati in kawza) fejn il-konsulent legali tal-atturi jghid hekk "…..ngharfek illi x-xogholijiet in kwistjoni saru fil-fond 25A u mhux fil-fond 25, Triq il-Vitorja, Isla u dan ghalkemmis-sors ta' danni gej mill-fond 25".

Illi ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 u in vista tal-fatt li x-xogholijiet in kwistjoni saru ferm oltre s-sentejn, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' dan l-Artikolu.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta u mill-kjamati in kawza bl-ispejjes kontra l-atturi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR